# Il-Karattri 'Realistiċi' fid-Dramm Espressjonista *Menz* ta' Francis Ebejer

Joseph Vella

Meta wieħed janalizza d-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer, imtella' għall-ewwel darba fit-Teatru Manoel fl-1967, isib li hu dramm bi stil Espressjonista, imma fl-istess waqt għandu wkoll għadd ta' karattri li jistgħu jissejħu 'realistiċi' meta jitqiegħdu f'ċertu dawl. F'dan id-dramm Ebejer iħaddem teknika li hija tipika ta' xogħlijietu: minn ċirku żgħir u ristrett ta' għarfien inizjali jiżvolġi proċess ta' twessigħ tal-għarfien sabiex sa tmiem l-istess dramm, l-istess udjenza attenta tkun sfat ferm aktar edifikata.

F'*Menz*, kollox jibda mal-wasla tal-protagonista eponimu xwejjaħ u individwalista fil-Belt tal-ultrakonservattivi/konformisti estremi; liema wasla tikkawża furur sħiħ fl-istess belt sa ma wisq probabbli, eventwalment u lil hemm minn tmiem id-dramm, isseħħ bidla radikali (mifhuma li għall-aħjar). Imma qabelxejn, ħalli naraw kif oriġina t-teatru Espressjonista u x'jinvolvi, waqt li nqiegħdu d-dramm tagħna f'dan l-ambitu.

## 1. It-Teatru Espressjonista

Qabel ma tfaċċa t-teatru Espressjonista fis-snin qabel il-Gwerra l-Kbira u warajha, fil-Ġermanja l-iskejjel ewlenin tad-drama kienu n-Naturaliżmu u n-Neoromantiċiżmu. In-Naturaliżmu kien jipprova jirriproduċi oġġettivament

ir-realtà fuq il-palk biex b'hekk il-ħażen tas-soċjetà jinħareġ fid-dieher u tiġi stimulata riforma soċjali. In-Neoromantiċiżmu min-naħa tiegħu kien iħaddem lingwaġġ poetiku u miti Ġermaniċi tradizzjonali biex jevoka l-imgħoddi glorjuż tal-Ġermanja. L-Espressjoniżmu, imbagħad, tnissel proprju bħala reazzjoni qawwija kontra dawn iż-żewġ movimenti ta' drama.

Madankollu, għalkemm hemm min jemmen li kien hemm qtugħ assolut bejn l-Espressjoniżmu u l-ġeneri teatrali li ppreċedewh, analiżi tal-lingwaġġ imħaddem f'dan it-tip ta' xogħol tikxef il-preżenza ta' elementi Neoromantiċi, filwaqt li l-aspirazzjoni għar-riforma soċjali tagħtih laqta Naturalistika.

Bħala moviment drammatiku, l-Espressjoniżmu beda fil-Ġermanja u ffjorixxa l-aktar bejn wieħed u ieħor fil-perjodu bejn l-1910 u l-1924, fil-Ġermanja stess, imma wkoll f'pajjiżi oħra. Bħala moviment inħoloq frott in-nuqqas ta' sodisfazzjon u l-aġitazzjoni fost il-ġenerazzjoni żagħżugħa tal-kittieba Ġermaniżi fil-perjodu msemmi, meta s-soċjetà Ġermaniża ta' qabel il-Gwerra l-Kbira kienet għadha msejsa fuq il-kunċett patrijarkali, u għalhekk oppressiv, tal-familja. Hawn ta' min jinnota li fid-dramm *Menz*, Ebejer, bl-astuzja tipika tiegħu, jippreżenta l-karattru ta' Ludilla B. li tiddomina lill-Belt 'tagħha' b'mod patrijarkali (għaliex simbolikament tagħti lilha nnifisha t-titlu maskili ta' Gvernatur), filwaqt li 'l quddiem fid-dramm xorta waħda jkun possibbli għaliha, bħala mara dotata, timmanuvra lil Menz bis-'setgħat' tagħha femminili u bl-'istinti' innati maternali tagħha.

Fuq il-livell tas-soċjetà inġenerali, il-kunċett patrijarkali kien jissarraf f'awtoritarjaniżmu politiku riġidu. Għalhekk il-protesta u r-ribelljoni li nsibu fid-drama Espressjonista xi ftit jew wisq ikunu diretti kontra r-relazzjonijiet familjari u l-mod kif dawn ir-relazzjonijiet ixekklu liż-żgħożija milli tiżviluppa l-individwalità tagħha. Jekk nagħtu ħarsa lejn id-dramm *Menz* minn dan l-aspett, insibu li l-protagonista Menz kien trabba mingħajr ommu u l-imħabba u l-għożża tagħha, u kellu missieru bniedem taċiturn, imqit, u ma tantx jikkomunika miegħu, u allura aktarx ħallieh nieqes mill-affezzjoni paterna tant meħtieġa u mixtieqa. Bħala ġeneru teatrali, l-Espressjoniżmu segwa l-Impressjoniżmu, tip ta' teatru li kien joħloq riproduzzjoni kemm jista' jkun fidila tar-realtà billi waqt li jkun qiegħed jippreżenta ġrajja, jiffoka fuq il-fatturi esterni u jinjora dak li jgħodd tabilħaqq, dak li joriġina minn ġewwa (i.e. fil-moħħ) tal-bniedem.

Iżda gradwalment ġara li l-Impressjoniżmu tant wasal għal xenarju simboliku u djalogar nieqes mid-drammatiċità, li tfaċċa l-Espressjoniżmu, fejn it-teatru beda jenfasizza r-realtajiet ġewwinija tal-bniedem, jiġifieri dawk psikoloġiċi, u mbagħad isarrafhom f'taħdit jew azzjoni; flok sempliċement jiffoka fuq dak li jidher minn barra, bħalma jiġri fil-każ tar-Realiżmu jew tan-Naturaliżmu. Fit-teatru Espressjonista, id-drammaturgu jfittex li jagħraf x'hemm fis-subkonxju tiegħu ladarba jkun irid jirrappreżenta fuq il-palk il-ħajja ġewwinija tal-bniedem. Minħabba dan il-fattur, l-arti Espressjonista tista' titqies bħala l-aktar waħda kkonċernata bil-jien tal-individwu. Il-kittieb Espressjonista mhux interessat mill-bniedem bħala individwu fih innifsu bi mġibtu privata, imma jqiegħed l-umanità inġenerali bħala ċ-ċentru tal-attenzjoni tiegħu, u jippreżentaha skont il-perċezzjoni ta' karattru wieħed f'relazzjoni mas-soċjetà u viċiversa. Il-karattru tal-individwu msemmi jkun l-'alter-ego' (i.e. il-personalità alternattiva) tal-kittieb Espressjonista nnifsu. Dan il-karattru fid-dramm *Menz* bla dubju jinħass li hu x-xwejjaħ Menz, imma b'xi mod jista' jinħass minn waqt għal ieħor li Ebejer kultant jipproġetta lilu nnifsu wkoll f'Ġorġ, li għandu affinità tassew qawwija ma' Menz, imma huwa wisq aktar radikali u estrem fi mġibtu u fil-viżjoni tiegħu.

L-attitudni tal-protagonista ewlieni tad-dramm Espressjonista tkun tidher u tinħass ostili f'għajnejn il-karattri l-oħra. Infatti, l-imġiba 'stramba,' għax nonkonofrmista, ta' Menz proprju ftit mumenti wara l-wasla tiegħu fil-Belt tal-konformisti mhux biss tibda tinħass ostili f'għajnejn dawn tal-aħħar, imma kulma jmur u rapidament tibda saħansitra titqies heddieda għas-sopravivenza tagħhom:

| | |
|---|---|
| LUK/TAXI: | Din żgur li ma kontx nistennieha! Qiegħed hawn, f'pajjiżna, jirfes l-għażiża artna taħt riġlejh, jibla' l-arja pura tagħna, qisu mhux hu, joħdilna l-ispazju ... |
| BEJJIEGĦ: | U 'l quddiem min jaf kemm għad ibeżżagħhom lit-tfal tagħna daqskemm hu ikreh. |
| LUK/TAXI: | U jittanta lin-nisa tagħna. |
| BEJJIEGĦ: | U jisirqilna ġidna. |
| LUK/TAXI: | Iqajjem rewwixta kontra l-gvern. |
| BEJJIEGĦ: | Joqtolna f'sodditna. |

Fil-biċċa l-kbira tagħhom, il-karattri l-oħra jkunu membri ta' familtu (ara r-reminixxenzi ta' Menz fil-konfront ta' missieru, fejn għall-benefiċċju tiegħu nnifsu imma wkoll tal-udjenza jirrikostruwixxih bħala missier dominanti, arroganti u awtoritarju; paġna 167); jew rappreżentanti tal-ordni soċjali awtoritarja (aktar milli awtorevoli).[1]

Barra minn hekk, il-protagonista ewlieni ta'dramm tipiku Espressjonista jġarrab għadd ta'inċidenti li ħafna drabi ma jkunux marbuta flimkien, imma jkunu effett tal-istess kawża. Hekk, ngħidu aħna, jintwera li Menz kien ilu jivvjaġġa għal bosta snin bla ma wisq jaf għaliex; u daqstant ieħor bla ma jaf għaliex, kien ilu xewqan li jiġi jżur din il-Belt-tikka-fuq-il-mappa – xhieda ta' kemm ma ħaqqhiex l-importanza li jattribwulha b'mod minfuħ u esaġerat l-istess ċittadini tagħha [b'moħħhom żgħir] u b'viżjoni mijopika quddiem il-ħajja. Menz ikun irid sempliċement joqgħod fuq il-bank tal-pjazza għax-xemx, xejn aktar u xejn anqas, pjuttost b'mod impulsiv; u jibqa' jirreżisti l-pressjonijiet kollha li jagħmlulu nies il-Belt, donnu għal xejn ħlief l-ebusija ta'rasu – għalkemm dan huwa wkoll frott il-karattru individwalistiku tiegħu. L-inċidenti spiss isegwu 'l xulxin bħallikieku huma l-istazzjonijiet tal-passjoni ta'Kristu, bil-protagonista jġarrab l-inċidenti b'mod simili ħafna għal dak ta' Kristu. Bħalma Kristu fil-Bibbja m'għamel xejn ħażin u ma kiser ebda liġi imma xorta waħda safa' akkużat u kkundannat għall-mewt; hekk ukoll jisfa' pproċessat – u jekk mhux ikkundannat – tal-anqas ivvittimizzat, Menz minn Ludilla B., id-dittatriċi despotika (konvenjement għaliha msejħa "Gvernatur" biex taħbi x'verament kienet). Imma ta' min jinnota hawnhekk li t-titlu ta' Gvernatur addottat minnha jevoka 'l dak tal-persunaġġ bibliku Ponzju Pilatu li wkoll spiċċa biex ġab ruħu bl-aktar mod inġust quddiem is-sewwa magħruf.

Id-drammaturgu Espressjonista joffri interpretazzjoni tad-dinja reali permezz ta' oħra fittizja – fuq il-palk, skont il-viżjoni ta' karattru uniku. Konsegwentement, proprju minħabba l-fatt li din il-viżjoni tkun kompletament suġġettiva u tenfasizza biss fuq dak li l-awtur jidhirlu li hu relevanti, b'mod konxju u bi skop, l-istess viżjoni taf tipproduċi rappreżentazzjoni pjuttost storta, jew aħjar deformata, ta' dak li ordinarjament imdorrijin bih fil-ħajja

1 Ara l-aktar il-karattri tipi ta' Ludilla B. (il-*femme fatale* per eċċellenza), Razz ("il-burokratiku mpinġi"), il-Pulizija ... imma wkoll il-Kennies, Luk/Taxi, u l-Bejjiegħ tal-Pasti.

ta' kuljum. Barra minn hekk, din id-deformazzjoni dejjem tieħu forma protestarja u ribelluża.

Dan l-element ta' deformazzjoni jirriżulta wkoll mill-fatt li l-karattri li jiġu 'kkritikati' mid-drammaturgu Espressjonista jisfgħu pjuttost grotteski peress li nuqqasijiethom u d-difetti tagħhom jiġu esaġerati għall-effett (id-diskors tal-karattri tip ħafna drabi jkun telegrafiku u qasir, u ripetittiv, għalkemm ġieli jaqgħu fil-liriċiżmu). Barra minn hekk, hemm soġġettiviżmu qawwi fit-teatru Espressjonista, ladarba kollox joriġina mis-subkonxju tal-awtur u jiġi pprojettat permezz tal-karattru ewlieni individwalista.

Issa biex jikkonkretizza l-aspett ċerebrali, id-drammaturgu Espressjonista jkollu jirrikorri xi daqsxejn għall-ġeneru Realista u dak Naturalista. Wieħed ma jridx jinsa li għalkemm dawn l-aħħar żewġ ġeneri jixxiebhu, mhumiex għalkollox xorta. Għaliex waqt li r-Realiżmu pjuttost jimita l-fatti kif ikunu jidhru minn barra u jieqaf hemm, in-Naturaliżmu mhux biss jirrappreżenta l-azzjoni u d-djalogar preċiżament, imma permezz tagħhom ifittex li juri kif jaħdem il-moħħ ukoll. Imbagħad l-Espressjoniżmu, min-naħa tiegħu, jenfasizza aktar il-proċess ċerebrali li jinfluwenza l-azzjoni tal-bniedem kif tidher minn barra.

Fil-fatt, ħarsa mill-qrib lejn il-karattri f'*Menz* faċilment turina li għandna żewġ tifsiliet ta' karattri. L-ewwel nett hemm dawk tipiċi tat-teatru Espressjonista, jiġifieri karattri tipi li huma pjuttost ċatti għax ftit li xejn insiru nafu aktar dwarhom lil hemm mill-iskorċa tal-wiċċ. Dan għaliex minn kliem u għemil Ludilla B., Luk/Taxi, il-Bejjiegħ tal-Pasti u l-Kennies, wieħed ma jdumx ma jagħraf li dawn mhumiex biss imneżżgħin minn kull xorta ta' individwalità (jekk mhux forsi bl-eċċezzjoni ta' Ludilla B. li mhux talli hi kapaċi tiddeċiedi hi għaliha nnifisha, imma saħansitra għal kulħadd); imma huma wkoll ipokriti primi, u tradituri żelużi tal-proxxmu tagħhom f'isem il-konformiżmu estrem u frott l-istess terrur li għandhom quddiem is-sistema totalitarja u despotika li jinsabu maħkumin u ddominati minnha (ironikament frott l-istess ċediment totali tar-rieda awtonoma tagħhom). Fil-Belt tad-dramm, kollox jingħad li huwa suprem u superjuri, meta mhux għajr taparsi, għax fis-sew medjokri, kif issimbolizzat mill-istatwa malandata tal-Pegasu fil-pjazza.

## 2. Il-Karattri 'Realistiċi'

It-tieni hemm dawk li għalkemm jibqgħu essenzjalment rivelattivi u rappreżentanti ta' x'jista' jkun għaddej fis-subkonxju ta' bniedem, huma essenzjalment 'realistiċi' f'dan id-dramm, u fil-fatt saħansitra jingħataw ismijiet li grammatikalment huma nomi proprji u mhux sempliċement nomi tal-aġent jew termini li jirreferu għal karigi. Dawn huma Menz, Ġorġ u Tereża ... u Razz 'parzjalment', għaliex waqt li dan tal-aħħar huwa karattru tip meta jitqies bħala "l-burokratiku mpinġi" skont l-istess didaskalija ta' Ebejer innifsu; fl-istess waqt matul l-iżvolġiment tad-dramm diġà jkun hemm tħejjija intelliġenti min-naħa tad-drammaturgu għal dak li għad isegwi lejn tmiem id-dramm u lil hemm minnu: il-konverżjoni probabbli ta' Razz minn konformista konvint u ta' prinċipju, ironikament fihom infushom kwalitajiet b'lehma qawwija ta' individwaliżmu, għal nonkonformista u individwalista konvint u issa bi prinċipju differenti – grazzi għas-sagrifiċċju erojku suprem ta' Ġorġ (il-maqtul għall-ideali tiegħu), u l-istess Tereża (l-eks maħbuba ta' Ġorġ u l-mara futura ta' Razz, anke hi issa deċiża li flok tibqa' toxxilla bejn il-konformiżmu u n-nonkonformiżmu, taddotta dan tal-aħħar u tkun individwalistika, mhux fis-sens egoistiku, imma fis-sens li tkun kapaċi taħseb b'moħħha u mhux iċċedi bla kundizzjonijiet ta' xejn għad-detriment tagħha stess).

B'karattri 'realistiċi' hawnhekk qiegħed jinftiehem li l-karattri jkollhom storja warajhom li tappoġġa mġibithom fil-preżent, li sservi ta' sfond biex l-udjenza tagħrafhom bħala bnedmin tad-demm u l-laħam aktar milli prodotti strejotipati bit-"tikketta" mwaħħla ta' sistema riġida, bħalma huma l-"Kennies", "Luk/Taxi", "Bejjiegħ tal-Pasti" jew "Pulizija"). Huma karattri li tagħrafhom bħala individwi bid-dilemmi, bil-problemi u l-kriżijiet psikoloġiċi u emottivi tagħhom. Tagħrafhom bħala karattri tassew verosimili għal dawk tal-ħajja reali ta' kuljum ... u għandha mnejn tissimpatizza magħhom ukoll.

Hekk ngħidu aħna nsibu li x-xwejjaħ Menz għandu problemi ta' nuqqas ta' aġġustament emottiv b'konsegwenzi psikoloġiċi u ta' mġiba li ilhom ġejjin saħansitra mill-ewwel snin ta' ħajtu, is-snin formattivi, minħabba li safa' mifrud u mċaħħad minn ommu. Ir-raġuni attwali għaliex ġara dan tibqa' ma toħroġx ċar matul id-dramm, aktarx bħala xhieda li dak li ġara fil-passat u ma ġiex reġistrat sew fil-memorja, jista' jibqa' mhux magħruf għalkollox u għal dejjem; u li jekk

ikun hemm xi traċċi (minimi tiegħu), jistgħu jisfgħu vagi u saħansitra mċajpra mal-mogħdija taż-żmien. Il-problemi ta' Menz jinħass li kienu aggravati wkoll mill-imġiba dominanti, abbużiva u aggressiva ta' missieru.

Dwar Ġorġ, permezz tar-rapport preċiż u ddettaljat tal-Pulizija, insiru nafu dawn id-dettalji:

> Imsejjaħ Ġorġ. Ħamsa u għoxrin sena. Orfni minn ommu. Missieru keċċieh mid-dar wara serqa sigaretti u album mimli fotografiji familjari. Għeb għal sentejn minn din il-belt. Reġa' lura bla ħsieb, taħa għall-qari. Mingħajr impjieg, kien jgħix bis-saħħa tal-munifiċenza tal-belt għażiża tagħna. Il-jiem beda jgħaddihom il-librerija pubblika. Darba wera l-istmerrija tiegħu għall-kotba li kien hemm fiha billi tefa' l-ktejjeb bl-isem ta' "Kif Għandek Tkun Ċittadin Tajjeb" fl-art tal-imsemmija librerija, għemil li ġiegħel waħda mil-librara żgħażagħ li rat kollox b'għajnejha skandalizzati tmur tiġri u tixher għal siegħa sħiħa mal-kmamar kollha tal-librerija, twaqqa' kotba, tgħaffeġ fuqhom, tqatta' karti u għemil ieħor simili xejn normali. (177)

Mill-ġdid insibu enfasizzat in-nuqqas tal-omm fit-trobbija tal-iben – simbolika għan-nuqqas ta' soċjalizzazzjoni u sens ta' appartenenza aktar 'il quddiem fil-komunità u s-soċjetà; u aktarx il-kawża tan-nuqqas ta' awtodixxiplina, ubbidjenza, u konformiżmu, bħala konsegwenza. Mill-ġdid jinħass inferit li min ma jintrabatx minn kmieni ma' ommu jew sostitut xieraq għaliha, dak li bl-Ingliż jissejjaħ *bonding*, jisfa' żradikat, donnu bla għeruq, ma jappartieni għal imkien, ma jistax isib serħan, u jaf isib lilu nnifsu proprju billi jopponi u jirreżisti kull entità li tfakkru fil-permanenza jew l-appartenenza (ara l-konnotazzjonijiet ta' *misfit*, bl-Ingliż). Ġorġ iġarrab sens ta' antipatija u diżgustament qawwi lejn kull minn mhux kapaċi jfendi għal rasu, lejn kull min jirrendi lilu nnifsu xejn ħlief 'nagħġa f'merħla'.

F'Tereża niskopru persuna enimmatika, b'sentimenti diviżi favur u kontra – f'ħin wieħed – lejn l-individwalista u ħabib ta' u mit-tfulija, u namrat tagħha sa ftit ilu, Ġorġ; u l-konformista konvint u namrat preżenti Razz. Permezz ta' Ġorġ u Razz bi twemminhom rispettivament, insibu li Ebejer ilaħħam simbolikament iż-żewġ 'lealtajiet' kunfliġġenti f'moħħ u qalb Tereża. Iżda meta fil-belt fejn tgħammar Tereża jitfaċċa Menz, l-individwalista xwejjaħ,

fraġli u manswet, imma daqstant ieħor sod u perseveranti fir-reżistenza tiegħu kontra t-tentattivi fitti u kontinwi biex jimponu r-rieda tagħhom fuqu l-konformisti Beltin; l-istess Tereża ssib li s-simpatija tagħha tibda xxaqleb lejn il-keffa tal-individwalisti. Id-dħul ta' Menz f'ħajjitha, bl-affinità kbira tiegħu lejn Ġorġ, u l-makkinazzjonijiet kattivi u bla ħniena ta' Ludilla B. li taħdem fuq il-punt debboli ta' Menz (ix-xenqa tiegħu li jikseb 'l ommu lura f'ħajtu), jippreċipitawha f'ħoġor l-individwaliżmu, u jagħtuha l-forza li tiġbed lil Razz (żewġha tal-ġejjieni), għal magħha – tal-anqas dan huwa dak li jinħass wisq probabbli proprju fil-mument tal-għeluq tad-dramm.

Razz ukoll, min-naħa tiegħu, jingħata isem proprju, anke jekk għall-bidu tad-dramm jintwera bħala karattru tip – "il-burokratiku mpinġi" fi kliem Ebejer innifsu (148). U din il-mossa min-naħa ta' Ebejer hija rivelattiva, għax ma tħallix lil Razz jibqa' totalment karattru ċatt, imma tirrendih wieħed tond, wieħed li minkejja l-konformiżmu totali (inizjali) tiegħu, ironikament kapaċi jaħseb b'moħħu (huwa konvint minn għemilu), u kapaċi jfendi għal rasu ("Issa neguzjant kbir"; paġna 153), anke jekk l-iskola kien jikkopja (allura ma kienx kapaċi għalkollox, jew ma kienx konvint għalkollox minnu nnifsu – forsi frott l-ebusija ta' ommu); u jingħata sfond ukoll waqt l-iżvolġiment tad-dramm. Fi kliem Ġorġ:

> Razz kien kunsillier. Issa kunsillier u neguzjant kbir. Razz kien jikkopja minn fuqi l-iskola. Razz kont naħbilu minn ommu – mara iebsa. Kont naqbeż għal Razz. Kien jirringrazzjani b'għajnejh biss. Għall-inqas dik il-ħabta kien jidhirli li kelli l-ħila naqrahom l-għajnejn. Daż-żmien qatt ma jiena żgur: jew għax insejt naqra, jew inkella għax dak li nara ma jkunx minnu! Razz kien jgħidli li lil Tereża kien jistħajjilha oħtu. Oħt qatt ma kellu. Minn xi daqqiet noqgħod naħseb xi ftit fuqu u ngħid: Dan Razz, x'inhu għalija? (153)

Allura meta f'din il-ktiba qiegħed jingħad li wħud mill-karattri huma pjuttost 'realistiċi', dan m'għandux jittieħed fis-sens li huma msawra għalkollox bħal dawk tat-teatru Realista. Dan għaliex waqt li d-drammaturgu Realista jippreżenta l-karattri b'mod fotografiku u jieqaf hemm, dak Espressjonista, bħan-Naturalisti ta' qablu, jipprova jfittex l-oriġini u r-raġunijiet li jwasslu għall-imġiba problematika tal-bnedmin mixħuta taħt il-lenti.

Barra minn hekk, ta' min isemmi li għalkemm l-Espressjonisti jemmnu li d-dinja fil-qofol tagħha hi korrotta, xorta waħda jemmnu li tista' tinkiseb ħajja aħjar, anke jekk is-soluzzjoni li joffru tkun waħda pjuttost vaga. Dan fil-fatt huwa implikat proprju bil-mod kif jagħlaq id-dramm Menz:

| | |
|---|---|
| TEREŻA: | *(weħidha, fis-skiet – tersaq lejn MENZ, tbusu bi ħlewwa fuq ġbinu, taqbad ix-xalla li tkun fuq il-bank u tagħmilha ma' rasha).* |
| | *Waqt li TEREŻA kienet qiegħda tagħmel dan, in-nies ta' barra, i.e. is-silwetti ta' fuq is-cyclorama bdew jidhru (jiskuraw).* |
| | *F'nofs il-pjazza, b'għajnejn il-kotra ċassi fuqha, TEREŻA ma titħarrikx.* |
| RAZZ: | *(jiċċaqlaq u jimxi bil-mod lejn TEREŻA. Skiet – imbagħad iħoll il-faxxa uffiċjali minn fuq sidtu u jħalliha taqa' fl-art. Wasallu l-mument tal-għażla u RAZZ għażel it-triq li beħsiebu jaqbad minn issa sa tmiem ħajtu).* |
| | *L-għanja biss fis-skiet.* |

Hawnhekk Razz pjuttost jista' jitqies li qiegħed jieħu post Ġorġ (f'ħajjet Tereża), u aktarx li se jkun individwalista huwa wkoll sa tmiem ħajtu ... fuq il-mudell ta' Ġorġ.

Dan il-mod li bih qiegħed jinġieb fi tmiemu d-dramm minn Ebejer fil-fatt joqrob ħafna lejn dak ta' drammaturgi Espressjonisti oħra li ħafna drabi jistennew bidla immedjata (għall-aħjar) mill-udjenza tagħhom.

**Il-Biblijografija**

Ciappara, Marija. "It-Teatru ta' Francis Ebejer." Teżi tal-B.A., U ta' Malta, 1973. Stampat.

Cuddon, J.A. *Dictionary of Literary Terms and Literary Theory.* London: Penguin, 1999. Stampat.

Ebejer, Francis. *Menz, Boulevard, Vaganzi tas-Sajf: Vol. 2 ta' 'Id-Drammi ta' Francis Ebejer.'* Malta: Lux, 1970. Stampat.

Friggieri, Oliver. *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji.* It-tielet ed. Malta: PEG, 2000. Stampat.

Macey, David. *Dictionary of Critical Theory.* London: Penguin, 2001. Stampat.

Tabone, Saviour. "Analiżi tas-Soċjetà f'Menz ta' Francis Ebejer." Teżi tal-B.Ed., U ta' Malta, 1991. Stampat.

Zarb, Tarcisio. *It-Teatru sa Ebejer.* Malta: Klabb Kotba Maltin, 1986. Stampat.